**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 04 ta' Lulju, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 1205/2019 AF**

**L-Avukat Dr Carlo Bisazza kif debitament awtorizzat jidher ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Velocity Ventures Limited (C-85204)**

**vs**

**Doctor Mi!- GmbH & Co KG**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Velocity Ventues Limited, li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti giet kuntrattata da parti tas-socjetà intimata sabiex tissuplixxi servizzi ta' *online sales u advertising* kif jirrizulta mill-anness kuntratt firmat bejn il-partijiet fl-1 ta' April 2019, mmarkat bhala Dok CB1.

Ai termini tal-istess kuntratt bhla hlas ghas-servizzi moghtija is-socjetà attrici kellha tircievi percentagg, senjatament hamsa u ghoxrin fil-mija (25%), mid-dhul gross generat mill-attività online tas-socjetà intimata. Illi ai finijiet ta' trasperenza s-socjetà attrici kellha access dirett ghad-dhul generat da parti tas-socjetà intimata permezz tal-programm Google Analytics.

Wara diversi interpellazzjonijiet sabiex is-socjetà intimata thallas il-bilanc minnha dovut, anki f'kazijiet meta kienet harget fatturi *discounted*, hija baqghet inadempjenti, tant illi fl-24 ta' Settembru 2019 l-istess socjetà intimata waqqfet u mblukkat l-access tas-socjetà mittenti ghall-Google Analytics, b'dan illi l-mittenti spiccat minghajr ebda informazzjoni u kwindi kontroll, rigward id-dhul generat mis-socjetà debitici.

Minkejja konsapevoli tal-ammonti dovuti minnha, fis-17 ta' Settembru 2019, is-socjetà intimata tat *notice of termination* ai termini tal-Artikolu 4 tal-kuntratt citat, izda xorta wahda naqqset milli thallas dak dovut minnha.

Mill-fatturi li jkopru l-perjodu mill-1 ta' April 2019 sal-ahhar ta' Settembru 2019, u cioè sal-jum meta s-socjetà attrici ghad kellha access ghad-dhul generat mil-attività tas-socjetà intimata tramite Google Analytics, il-bilanc dovut huwa ta' seba' u tmenin elf tmien mija u wiehed u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€87,831.66), kif jirrizulta mil-annessi fatturi mmarkati Dok CB2(A-F).

Oltre dan l-ammont, hemm dovut il-*commissions* li mmaturaw u gew dovuta matul il-perjodu tan-*notice*, u cioè, mis-17 ta'

Settembru 2019 sas-17 ta’ Dicembru 2019, illi s-socjetà rikorrenti ma tistax tikkwantifika dak lilha dovut bi precizjoni minhabba illi gie michud l-access ghal-Google Analytic kif fuq spjegat. Dan jikkostitwixxi telf ta’ qliegh/danni u qieghed jigi reklamat.

Minkejja interpellata sabiex thallas l-ammont minnha dovuta permezz ta’ ittra legali datata 30 ta’ Settembru 2019, s-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija debitrici tas-socjetà attrici fis-somma ta’ seba’ u tmenin elf tmien mija u wiehed u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€87,831.66) rapprezentanti pagamenti/*commissions* dovuta ghal servizzi resi da parti tas-socjetà rikorrenti mill-1 ta’ April 2019 sal-24 ta’ Settembru 2019.

2. Tordna u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma seba’ u tmenin elf tmien mija u wiehed u tletin Euro u sitta u sittin centezmu (€87,831.66), dovuta lis-socjetà rikorrenti mill-1 ta’ April 2019 sal-24 ta’ Settembru 2019, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

3. Tiddikjara illi s-socjetà rikorrenti hija debitrici versu s-socjetà attrici rapprezentanti pagamenti/*commissions* dovuta lilha ghall-perjodu bejn il-25 ta’ Settembru 2019 sas-17 ta’ Dicembru 2019.

4. Tillikwida dak l-ammont rapprezentanti pagamenti/*commissions* dovuta mis-socjetà intimata lis-socjetà rikorrenti ghall-perjodu bejn il-25 ta’ Settembru 2019 sas-17 ta’ Dicembru 2019.

5. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti dik is-somma hekk likwidata rapprezentanti pagamenti/*commissions* dovuta ghall-perjodu bejn il-25 ta’ Settembru 2019 sas-17 ta’ Dicembru 2019, kollox kif intqal fuq.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli sal-jum tal-effittiv pagament kontra s-socjetà konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-riferti u dokumenti rimessi lilha mill-Avukat tal-Istat wara li n-notifika fil-Germanja giet rifjutata mill-intimata minhabba li l-atti kienu bil-lingwa Ingliza. F'dan il-kuntest, gie ppruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti illi Miriam Rehbein, sid, direttur u amministratur tas-socjetà intimata tifhem sew, titkellem u tikkomunika perfettament bil-lingwa Ingliza. Xhieda ta' dan, minbarra l-konferma bil-gurament tal-fundatur u CEO tas-socjetà rikorrenti, huma d-diversi komunikazzjonijiet elettronici mibghuta minnha bl-Ingliz u fuq kollox, il-filmat li juri lilha stess tippromwovi l-attività taghha *online* bil-lingwa Ingliza.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti filwaqt li tirreferi ghall-Art. 8 tar-Regolament 1393/2007 li sad-data tal-istess notifika kien pjenament *in vigore*, tqis li ma tezistix ir-raguni invokata ghar-rifjut.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tqis valida in-notifika lill-intimata bl-atti tal-kawza. Tenut kont li minkejja d-debita notifika baqghet ma tressqet ebda twegiba ghall-kawza, l-Qorti qeghda tqis ukoll li l-intimata tinsab fi stat ta' kontumacja.

Il-Qorti zzid inoltre illi s-socjetà intimata lanqas ma ndenjat ruhha tressaq sottomissjonijiet bil-miktub minkejja li giet awtorizzata taghmel hekk minn din il-Qorti.

Madanakollu, kif ben stabbilit fil-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, l-kontumacja ma titqiesx bhala ammissjoni tat-talbiet u jibqa' jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi t-talba tieghu hija gustifikata.

Fil-kaz in ezami, s-socjetà rikorrenti rnexxielha tissodisfa dan l-oneru mpost fuqha ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Dan ghamlitu permezz tad-diversi affidavit minnha mressqa u d-dokumentazzjoni relattiva kompluta.
Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi s-socjetà konvenuta hija debitrici ta' Velocity Ventures Limited fl-ammont ta' seba' u tmenin elf, tmien mija u wiehed u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€87,831.66) dovuti mill-1 ta' April 2019 sal-24 ta' Settembru 2019;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lil Velocity Ventures Limited din is-somma ta' seba' u tmenin elf, tmien mija u wiehed u tletin Ewro u sitta u sittin centezmu (€87,831.66);

3. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li Velocity Ventures Limited hija kreditrici tas-socjetà intimata ghall-hlas relatat ghal perjodu bejn il-25 ta' Settembru 2019 sas-17 ta' Dicembru 2019;

4. Tilqa' r-raba' talba u tillikwida dan l-ammont fis-somma ta' tlieta u erbghin elf, disa' mija u sittax-il Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€43,916.82);

5. Tilqa' l-hames talba u tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' tlieta u erbghin elf, disa' mija u sittax-il Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€43,916.82).

B'hekk is-socjetà intimata ghandha thallas lil Velocity Ventures Limited is-somma komplessiva ta' mija u wiehed u tletin elf, seba' mija u tmienja u erbghin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€131,748.48), bl-imghax mid-data tar-rikors promotur.

L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG